# MARIUS GRECH

DEI ET APOSTOLICÆ SEDIS GRATIA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS

**ĦATRA TAL-KANONIKU NOEL SALIBA**
**BĦALA ASSISTENT EKKLEŻJASTIKU DJOĊESAN TAL-AZZJONI KATTOLIKA**

**Għażiż ħija fi Kristu,**

fost l-għejjun li fid-djoċesi tagħna jwasslu l-ilma frisk tal-Vanġelu għandna l-Azzjoni Kattolika. Kif fl-imgħoddi dan l-ilma saqqa art li tat frott kotran u bnin, hija xewqa tiegħi li anki llum dan l-ilma ħaj jibqa' jasal għand il-kotra, partikularment għand dawk li huma għatxana għal Alla.

Wara li rajt it-talba konġunta tal-President Djoċesan u tal-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan biex naħtar lilek bħala Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan;

u konvint mill-kwalitajiet u l-virtujiet li għandek kif ukoll mill-esperjenza li għandek fi ħdan l-Azzjoni Kattolika;

**bil-preżenti naħtar lilek, Kanoniku Noel Saliba LScSoc., fl-uffiċċju ta' Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan għal dawn il-ħames snin li ġejjin,**

Inti se tieħu post il-ħabib tiegħi Mons. Karm Hili li għal għadd konsiderevoli ta' snin qeda' b'dedikazzjoni eżemplari u ġenerożità unika lill-Azzjoni Kattolika. F'ismi u f'isem id-djoċesi nesprimi l-gratitudni lejh, għax nista' ngħid li Dun Karm huwa wieħed mill-aħjar saċerdoti fi ħdan il-presbiterju djoċesan.

Nitlob lill-Qalb ta' Ġesù tbierek lilek u lil Dun Karm u tieqaf mal-membri kollha tal-Azzjoni Kattolika f'dan il-proċess ta' tiġdid.

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, il-Belt Victoria, illum il-15 ta' Diċembru 2016.

**✠ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

**Mons. Salv Debrincat**
**Kanċellier**